## Ġurnal bil-Malti għat-tfal.

*B'qalbna kollha nġibu f' "Il-Malti" dawn l-erba' kelmiet tal-ħabib tagħna G.Z.A. għaliex aħna nafu ta' kemm ġid tista' tkun il-ħaġa mixtieqa minnu, kemm-il-darba min jindaħal għaliha jaħdimha bid-dehen u bil-għaqal.*

Issa li l-Malti, mgħallem fuq sisien sħaħ, daħal fl-iskejjel tal-gvern, jeħtieġ nimxu iktar il quddiem, biex inħeffu u nkomplu ngħinu l-istudju tal-Malti, u biex fuq kollox, nilħqu b'dan l-istudju dak li bl-ebda Isien ieħor barrani ma nistgħu nilħqu, jiġifieri—ruħ it-tifel – kif titlob l-edukazzjoni t-tajba.

Jekk nagħtu daqqa ta' għajn lejn ġnus oħra naraw li kull wieħed għandu ġurnali għat-tfal, miktubin b'dak l-ilsien li bih jitkellmu kull jum fi djarhom u ma' nieshom. Din ħaġa li f'Malta għadna mhux biss neqsin minnha, imma għadna ma nafux biss fejn toqgħod.

L–istudju tal-Malti ma jiswiex biss, kif, jaħasra, ħafna jaħsbu, biex uliedna jitgħallmu jiktbu Isien ommhom kif jixraq iżda wkoll, u hawn qiegħed il-ħieġ kbir tiegħu fl-iskejjel, bħala għodda waħdanija biex it-tifel li sejjer ikollu edukazzjoni elementari biss, jiġi mressaq lejn is-sabiħ mingħajr ma dan is-sabiħ jitlef wisq mill-ġmiel tiegħu bit-tifsiriet meħtieġa għall-ftehim tal-ħjiel u tal-kelma. B'dak l-ilsien li huwa tassew jifhem, jista' biss iċ-ċkejken jidħol f'ruħ il-kittieb, u jagħmel tiegħu il-ħsebijiet ta' dan.

Mezz mill-iktar qawwijin biex iseħħ ħsiebna hu l-ġurnal magħmul apposta, għat-tfal, ġurnal li fih isibu dak li jixtiequ huma u dak li hu tajjeb għalihom, ġurnal li huma jieħdu gost jaqrawh u li hekk jagħmel it-tagħlim ħafif u ħelu, ġurnal ngħidu aħna bejn il-'*Comic Cuts*' ingliżi u ċ-"*Children's Newspaper*" ta' Arthur Mee.

Hawn xi ħadd li jidħol għal dil-biċċa xogħol?

G. Z. A.

IT-TIENI KTIEB
TAT-TNAX-IL-SENA

ĠUNJU
1936

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

XFIH DAN IL-GĦADD

---

Bdew jifhmu — Sbejħa Marija (A. G.) — L-Armonija fil-kitba tal-Proża Maltija (P. P. Saydon) — In-Nemusa u l-Barri (R.M.B.)—Frak (D.K.)—Ħasibha tard (Ivo Muscat Azzopardi) — Mikiel Anton Vassalli (A.C.) — Il-Poeżija tal-Ħajja (Ġużi Chetcuti) — In-Nutari (Ġużè Gatt) — Taħbit u ferħ ta' ħajja (Ġ. Chetcuti) — Kotba ġodda bil-Malti fl-1936 (F. S. C.)